

# L-UE FIL-#AJJA TAGĦNA TA' KULJUM





## IS-SĦUBIJA FL-UE BIDLET IL-PAJJIŻI TAGĦNA U L-ĦAJJA TAGĦNA TA' KULJUM.

Is-suq intern, il-ftuħ tal-fruntieri u l-introduzzjoni tal-euro bħala munita komuni huma xi wħud mill-aktar kisbiet importanti tal-Unjoni Ewropea.

Imma d-deċiżjonijiet tal-UE jsawru d-dinja li ngħixu fiha f'ħafna oqsmha ferm aktar milli nirrealizzaw.

Kun af aktar permezz ta' xi eżempji konkreti.



# PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## IT-TMIEM TAT-TARIFFI TAR-ROAMING FL-UE



Ritratt ta' Mimagephotos

It-tariffi tar-roaming spiċċaw fil-15 ta' Ġunju 2017. Ir-residenti taż-Żona Ekonomika Ewropea li jivvjaġġaw fi ħdan l-UE jħallsu prezzijiet domestiċi għat-telefonati, messaġġi u l-mobile internet.

[what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/D14](http://what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/D14)



# PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## SENTEJN GARANZIJA FUQ APPARATI ELETTRONIĊI



Skont il-leġislazzjoni tal-UE il-manifatturi jipprovdu garanzija legali ta' sentjen fuq apparati elettroniċi bħal smartphones, printers, laptops, vacuum cleaners u magni tal-kafe'.

[what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/X02\\_12301](http://what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/X02_12301)

# IS-SUQ UNIKU U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## STANDARDS TAS-SIKUREZZA TAL-PRODOTT



Il-prodotti mibjugħa fi ħdan l-UE jridu jilħqu l-istandards tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-protezzjoni ambjentali tal-UE. Il-marka CE hi marka ta' ċertifikazzjoni li tindika konformità ma' dawn l-istandards.

[ec.europa.eu/growth/single-market/ce-marking\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/single-market/ce-marking_mt)



# PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## INFORMAZZJONI FUQ IT-TIKKETTI TAL- PRODOTTI



L-UE trid li n-nies ikollhom informazzjoni korretta u kompluta dwar dak li jikkunsmaw. Huwa għalhekk li t-tikketti tal-prodotti għall-ikel u għall-kożmetiċi jridu jinkludu ċerta informazzjoni, bħall-ingredjenti u l-isem tal-manifattur.

[ec.europa.eu/info/law/law-topic/consumers/consumer-contract-law/consumer-rights-directive\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/consumers/consumer-contract-law/consumer-rights-directive_mt)

# IR-REGOLAMENT DWAR IL-LIĠI ĠENERALI DWAR L-IKEL

## IS-SIKUREZZA TAL-IKEL FL-UE



L-għan tar-Regolament dwar il-Liġi Ġenerali dwar l-ikel (2002) hu li jiżgura li l-ikel kollu mibjugħ fis-suq tal-Unjoni Ewropea jkun sikur. Jistipula l-objettivi, l-obbligi u r-rekwiżiti ġenerali li jkopru kull stadju tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel/għalf ("mill-għalqa sal-platt").

[ec.europa.eu/food/safety/general\\_food\\_law\\_en](https://ec.europa.eu/food/safety/general_food_law_en)

## DIRETTIVA DWAR IL-ĦIN TAX-XOGĦOL

TAL-INQAS ERBA'  
ĠIMGĦAT TA' LIV  
IMĦALLAS



Id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħin tax-Xogħol, oriġinarjament introdotta fl-1993, tagħti lill-ħaddiema d-dritt għal "liv annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat". Kull settur u/jew Stat Membru jista' jżid l-għadd ta' jjiem, imma l-minimu tal-UE hu ta' 20 jum.

[ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=706&langId=mt&intPagId=205](https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=706&langId=mt&intPagId=205)



## PATT EKOLOĠIKU EWROPEW

### PROJBIZZJONI FUQ PLASTIK LI JINTUŻA DARBA BISS



L-UE approvat liġi ġdida li tipprojbixxi oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss bħal platti, pożati, straws u stikek tal-cotton buds li jintużaw darba biss. Il-projbizzjoni se tkun fis-seħħ mill-2021 'il quddiem.

[what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/X01\\_31001](https://what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/X01_31001)

# PATT EKOLOĠIKU EWROPEW – UNJONI TAL-ENERĠIJA

ENERĠIJA RINNOVABBLI  
RESPONSABBLI GĦAL MILL-  
INQAS 32 % TAT-TAĦLITA  
TAL-UE SAL-2030



Biex tiffaċilita t-tranżizzjoni minn fjuwils fossili lejn enerġija aktar nadifa u biex twettaq l-impenji tagħha tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE bdiet tirrikjedi li mill-inqas 32 % tas-sorsi tal-enerġija fit-taħlita tal-enerġija tal-UE trid tkun rinnovabbli sal-2030. Dan il-perċentwal ivarja minn Stat Membru għall-ieħor, jiddependi fuq is-sitwazzjoni ta' kull pajjiż.

[what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/X03\\_02901](https://what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/X03_02901)



# L-UE FIL-#AJJA TAGĦNA TA' KULJUM

Tista' ssib aktar eżempji konkreti ta' leġiżlazzjoni tal-UE fuq [X'qed tagħmel għalija l-ewropa](#).

Din il-preżentazzjoni tagħmel parti mill-għodda edukattiva EUROPE@SCHOOL – lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea.

© Parlament Ewropew 2020

